# 5. GESU JRIDHA TPINGI XBIHA TIEGHU

Kien fil-kunvent ta’ Plock fejn Swor Fawstina waslet f’Mejju jew Gunju tas-sena 1930 li l-missjoni profetika taghha kellha bidu.

Il-Hadd 22 ta’ Frar tas-sena 1931. Fil-ghaxija meta Swor Fawstina rritornat fic-cella taghha kellha vizjoni li fiha rat fizikament lil Gesu’ liebes tunika bajda. Idu l-leminija kienet mghollija b’turija li qed ibierek u idu x-xellugija kienet qed tmiss sidru, li minnu kienu hergin zewg raggi, rag wiehed ahmar u l-iehor rag bajdani. Wara ftit Gesu’ ordnalha biex taghmel xbiha skont dak li kienet qed tara bil-firma: “ Gesu’ jiena nafda Fik”.



“Jiena nixtieq li din ix-xbiha tkun meqjuma l-ewwel fil-kappella u mbaghad fid-dinja kollha. Imwieghdek li kull min jaghti qima lil din ix-xbiha jsalva ruhu. U nwieghed wkoll rebha fuq l-ghedewwa taghha li jinsabu fid-dinja, specjalment fis-siegha tal-mewt. Nipprotegih bhallikieku kien il-Glorja Tieghi.” (Djarju 47 – 48)

Fil-qrara li kien imissha taghmel hija rrakontat kollox lill-konfessur taghha. Is-sacerdot qalilha biex tpingi l-immagini ta’ Gesu’ fil-qalb taghha. Hekk kif halliet il-konfessonarju Gesu’ spejgalha: “ Imma x-xbiha tieghi diga hija mnaqqxa fir-ruh tieghek. Jiena nixtieq li titwaqqaf festa f’gieh il-Hniena Divina tieghi. Irrid din ix-xbiha li inti

ghandek tpingi permezz ta’ pinzell biex tkun imbierka fl-ewwel Hadd fuq l-Ghid: dak in-nhar ghandha tkun iccelebrata l-Festa tal-Hniena Divina. Nixtieq li s-sacerdoti jipproklamaw il-Hniena Kbira Tieghi lill-midimbin (Djarju 49 – 50). “

Fuq il-konferma ta’ Gesu’ li Huwa fisser li x-xbiha tkun stampa materjali, hija nfurmat lis-superjura lokali Swor Róża Kłobukowska dwar is-sitwazzjoni. Il-madre talbet  prova li dan il-kmand huwa genwin: Is-sinjal ikun in-numru ta’ grazzji li jiena niddispensa bis-sahha tax-xbiha. Swor Fawstina ma kienitx tpingi tajjeb u talbet l-ghajnuna ta’ Swor Bożenna Pniewska. Swor Bozenna tistqarr: “ Anqas jiena ma naf inpingi u ma fhimtx li Fawstina kienet qed tfisser pittura ta’ xbiha gdida. Issugerejtilha li taghmel ghazla mill-hafna santi sbieh li kelli. Irringrazzjatni, imma ma accetatx l-offerta tieghi.”

Il-kelma griet fil-kunvent ta’ Plock li Swor Fawstina kellha vizzjoni. Is-sorijiet tal-kunvent kienu dubjuzi dwar dan l-avveniment. Xi whud wissewha li dawn setghu kienu xi fissazzjoni ta’ mohha. Ohrajn iddikjaraw li kellha dellirju u kienet isterika. Ohrajn kienu ta’ fehma differenti u gharfu li Swor Fawstina kienet qrib Gesu’ gia la darba kienet qed isofri dan kollu bir-rassenjazzjoni.

“Madanakollu kont risoluta li ngarrab kollox fis-silenzju u ma naghti ebda spjega meta nigi mistoqsija,” tghid Swor Fawstina fid-djarju taghha. “Xi whud kienu rritati bis-silenzju tieghi specjalment dawk kurjuzi. Ohrajn li kienu aktar ghaqlija qalu li Swor Fawstina bilfors li hija qrib lejn Alla gia la darba ghandha tant rieda qawwija li ggarrab kollox bir-rassenjazzjoni.” Djarju 126)

Imma l-akbar sofferenza kienet gejja mill-incertezza ta’ minn fejn kienu gejjin dawn id-dehriet. Is-superjuri taghha qalulha biex titlob il-parir ta’ xi sacerdot u s-sacerdoti baghtuha lura ghand is-Superjuri. Swor Fawstina xtaqet li kieku xi sacerdot isib soluzzjoni definita u jghidilha: “ Ma ghandikx ghalfejn tinkwieta, inti tinsab fit-triq it-tajba jew Insa kollox ghax din it-triq ma hiex gejja minn Alla.” (Djarju 127)

F’sitwazzjoni bhal din ippruvat tahrab mill-Mulej u meta Huwa dehrilha qaltlu: “Darba, għajjiena b’dawn l-inċertezzi kollha, jiena tlabt lil Ġesu’, “Ġesu’, Inti Alla jew fantażma? Għax, is-Superjuri tiegħi qegħdin jgħidu li hawn kull xorta ta’ illużjoni u fantażmi. Jekk Inti l-Mulej tiegħi, qiegħda nitolbok tberikni.” Imbagħad Ġesu’ għamel sinjal kbir tas-salib fuqi u jiena wkoll raddejt is-salib. Meta jiena tlabt maħfra lil Ġesu’ għal din il-mistoqsija, Huwa wieġeb li ma kont ikkawżajtlu l-ebda dispjaċir b’din il-mistoqsija u qalli li l-fiduċja tiegħi kient għoġbitu ħafna.” (Djarju 54)

In-nuqqas ta’ direttur spiritwali permanenti u l-inkapacita’ li taghmel dak li ordnalha Gesu’ gaghlu lil Swor Fawstina tirtira mill-missjoni li Gesu’ ghazilha ghalih. Imma Gesu’ bil-pacenzja kollha spjegalha il-kobor tax-xoghol li Hu ghazilha ghalih.  U Gesu’ ghabbieha b’aktar responsabilita’ meta qalilha: “ Kun af li jekk inti titraskura l-missjoni tal-pittura tax-xbiha tieghi u x-xoghol kollha tal-Hniena, ikollok twiegeb ghal eluf tar-erwieh f’jum il-gudizzju. (Djarju 154)

Dan il-kliem bezzghuha. Fehmet li kienet responsabbli mhux biss ghas-salvazzjoni ta’ ruhha, izda wkoll ta’ nies ohra u ghalhekk iddecidiet li taghmel dak kollu possibbli biex taghmel ir-rieda ta’ Gesu’ jew titolbu biex jghaddi din il-missjoni lil haddiehor ghaliex hija ma kienitx kapaci.

F’Novembru tas-sena 1932 Swor Fawstina halliet Plock u rritornat Varsavja biex tghaddi it-tielet sena ta’ prova u thejji ruhha ghall-voti perpetwi. Attendiet ghal iritir ta’ tmint ijiem li kien ghadu kemm beda’ gewwa Walendow taht id-direzzjoni tal-patri gizwita Edmund Elter. Waqt li kienet qed tqerr huwa assiguraha li kienet miexja fit-triq it-tajba u li r-relazzjoni taghha ma’ Gesu’ la kienet isterika, la holm u anqas deluzjoni. Taha parir li tkun fidila lejn dawn il-grazzji u hajjarha biex ikollha direttur spiritwali li jghinha biex tifhem u twettaq dak li ried minnha Gesu’. Wara l-irtir irritornat Varsavja mimlija serhan il-mohh biex tibda’ b’ferh it-tielet prova taghha

flimkien ma’ zewg sorijiet ohra taht id-direzzjoni ta’ Madre Małgorzata Gimbutt.

Qabel ma hadet il-voti perpetwi hija marret Krakovja ghal irtir iehor ta’ tmint ijiem. Fid--Djarju taghha numru 231 hija tghid li fi ftit tal-jiem ohra kellha tkun il-qaddejja tal-Mulej bis-sahha tal-voti perpetwi u dan imlielha ruhha b’ferh liema bhalu.

L-isqof Stanisław Rospond fl-1 ta’ Mejju tas-sena 1933 mexxa’ ic-ceremonja tal-voti perpetwi fejn fiha Swor Fawstina irrikommandat lil Gesu’ il-knisja tieghu, il-kongregazzjoni taghha, il-familja, il-midimbin, l-aggonizanti u l-erwieh tal-purgatorju.

Irringrazzjat lil Gesu’ ghall-grazzja bla qies li ghazilha biex tkun l-gharusa ta’ l-Iben ta’ Alla u talbet lil Marija biex fuqha ixxerred harsa ta’ hniena specjali filwaqt li fakkritha fl-imhabba taghha. “Omm Alla, Omm l-aktar Qaddisa, inti issa Ommi ghaliex Ibnek issa huwa l-Gharus tieghi u ghaldaqstant ahna it-tnejn uliedek. F’gieh Ibnek Inti trid thobbni (Djarju 240)”

L-isqof libbisha curkett bl-isem ta’ “ Gesu” imnaqqax fih bhal turija ta’ gherusija dejjiema. Minn dak il-mument ‘l quddiem l-ghaqda taghha ma’ Alla kienet eqreb aktar minn qatt qabel. Hasset li Alla kien ihobbha  u hija kienet thobbu.